**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2018**

**Talba Numru: 273/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista:- 23.**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Skyparks Business Centre,**

**Malta International Airport,**

**Luqa LAQ 4000**

**Vs**

**Paulann Blihi (K.I. 448797M)**

**Block 10, Flat 7,**

**Triq il-Battalja ta' Malta,**

**Pembroke**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u

tmenin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,580.75c) rapprezentanti servizzi rezi in kwantu ghal elf mija u sebgha u sittin ewro u tnejn u ghoxin centezmu (€1,167.22c) in konnessjoni ma' telefonija cellular bil-kont numru 1.11018102 u in kwantu ghal erba mija u tlettax-il ewro u tlieta u hamsin centezmu (€413.53) in konnessjoni ma telefonija cellulari bil-kont numru 1.11021144 fuq talba a beneficcju tal-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritti mil-ligi u l-fatt li l-konvenuta dehret ghas-seduta ta' nhar il-11 t' Ottubru, 2018 u ddikjarat bil-gurament taghha qudddiem dan it-Tribunal li qed tammetti din it-talba.

Għaldaqstant, wara li t-Tribunal sema' lill-konvenuta tammetti din it-talba bil-gurament taghha u ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfaċentement ippruvata, jiddeciedi billi jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u tmenin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,580.75c) bl-imghax legali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluza dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 191/2018 huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**